MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 98/2010

**Appell Nru. 98/2010**

**Il-Pulizija**

**(Spt. Angelo Gafa`)**

**Vs**

**Benjamin Farrugia**

**Illum 26 ta' Frar, 2015,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

talli f'dawn il-Gzejjer matul Dicembru, 2004 u Jannar 2005, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew imexxihom, u cioe' cekkijiet ta' Joseph Anthony Ellul u ta' Graziella Camenzuli;

kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi, naqas li jgharraf lill-Pulizija fi zmien gimgha li c-cekkijiet ta' Joseph Anthony Ellul u ta' Graziella Camenzuli gew fil-pussess tieghu minkejja li kien jaf li kienu misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat;

u aktar talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, matul Dicembru 2004 u Jannar 2005, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe' cekkijiet ta' Joseph Anthony Ellul u ta' Graziella Camenzuli;

kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamel uzuz minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra fflasifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi atti pubbliku tal-Gvern;

u aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'atti awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoqt pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn atti, kitba jew skrittura falza;

u aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u cioe' cekkijiet ta' Joseph Anthony Ellul u ta' Graziella Camenzuli;

kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) ghad-dannu ta' Joseph Spiteri mill-Iklin, Albert Muscat minn Hal-Luqa u Thomas Gatt minn Haz-Zabbar;

u b'hekk kiser il-provediment tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 (illum Artikolu 22 tal-Kap 446) meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie lliberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-3 ta' Frar, 2003.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 334, 334A, 18, 167, 169, 183, 184, 189, 308 sa 310 tal-Kap. 9, 21 u 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn, liema terminu jikkomprendi l-piena dwar is-sentenza tat-3 ta' Frar, 2003.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Marzu 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma u tbiddel is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant instab hati mill-akkuzi kollha dedotti fil-konfront teighu, thassaraha w

tirrevokaha f'dik il-parti fejn huwa gie kkundannat ghal sentejn prigunerija, w minflok timponi piena aktar gusta w ekwa skond il-ligi u skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-

Illi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti hija eccessiva, inkwantu ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspetti kollha pertinenti ghall-kaz odjern.

Ikkunsidrat:

Illi bejn Dicembru tal-elfejn u erbgha (2004) u Jannar tal-elfejn u hamsa (2005) l-appellant inkorra f'diversi atti ta' qerq u frodi ghad-dannu ta' diversi nies u ghalhekk tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat.

B'sentenza tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar elfejn u ghaxra (2010) (fol 119) fil-parti konkluzjonali tas-sentenza taghha qalet, "illi rinfaccjata b'dawn il-provi inekwivoci u inkontestati l-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ippruvat illi l-imputat kien akkwista minghand terz cheques illi kienu rappurtati misruqa liema cheques kienu sussegwentement utilizzati minnu biex jakkwista b'mod indebitu flus u oggetti in kambju u ghad-detriment ta' persuni li biex ghamel hekk huwa irrikorra ghall-falsifikazzjoni tal-firma tas-sidien tal-kontijiet bankarji u gieghel lil haddiehor jemmen bl-ezistenza ta' hwejjeg li ma kinux vera u ghamel qliegh bid-dannu ta' tali persuni ...". B'hekk sabet lill-appellant

hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell però illimita l-appell tieghu ghall-piena peress illi l-mertu u d-dikjarazzjoni ta' htija ma gewx ikkontestati mill-appellant (fol 130). Fil-mori ta' dan l-appell il-Qorti innominat lil probation officer Carmen Nygaard sabiex taghmel rapport qasir dwar is-sitwazzjoni tal-appellant kif ukoll jekk kienx qieghed iwettaq l-ordni ta' servizz fil-komunità illi kienet imposta fuqu. Dan ir-rapport gieipprezentat fit-8 ta' Marzu 2011 minn fejn jirrizulta illi l-appellant kien qieghed jikkopera, iwettaq, meta x-xoghol jippermettilu, l-ordni tas-servizz fil-komunità fejn din ikkummentat, "Barra x-xoghol fil-komunità, Benjamin Farrugia qieghed jiehu kull opportunità sabiex jahdem sieghat twal u b'hekk ikun jista' jirritorna dak illi ha b'qerq kemm jista' jkun malajr u wkoll ikun jista' jibda hajja gdida bhala cittadin biezel u onest."

B'konsewgenza ta' dan ir-rapport din il-Qorti tawlet il-kawza kemm jista' jkun sabiex taghti opportunità kemm jista' jkun ihallas lura l-flus kollha illi kien ha indebitament. Fl-ahhar seduta tal-15 ta' Jannar 2015 deher Thomas Gatt, l-ahhar kreditur, fejn iddikjara illi huwa kien jinsab pjenament sodisfatt u ma kellux jiehu aktar flus minghand l-appellant.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi l-appellant wettaq dawn ir-reati fi zmien meta kien taht l-influwenza tal-vizzju tal-loghob, li sab ruhu infaccat b'hafna dejn u ghalhekk ried jakkwista b'xi mod il-flus halli jkun jista' iktar jilghab bl-isperanza illi xi darba tigih tajba. Fortunatament irrealizza li din l-istil ta' hajja f'hiex kienet ser twasslu u l-appellant beda biex impedixxa lilu nnifsu formalment milli jkun accettat fil-casinos kollha ta' Malta u beda jahdem xoghol produttiv biex ihallas ftit ftit lill-kredituri kollha illi ghandu. Illum l-appellant jidher illi qabad it-triq it-tajba u l-indikazzjonijiet huma kollha illi huwa bniedem biezel, jahdem, u integra tajjeb fis-socjetà. Kif qalet il-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija

kontra Ritmar Hatterley et tad-9 ta' Ottubru 2008, "Anki fil-kaz ta' persuna ta' età mhux zghira u li forsi hu recediv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija ...". Il-Qorti hija sodisfatta illi fil-kaz tal-appellant tfacca dan il-"window of opportunity" u zgur li mhux se tkun il-Qorti illi se taghlaq din it-tieqa ta' opportunità u ma taghtix lill-appellant jibbenefika minn dan il-progress illi s'issa immanifesta fil-mori ta' dan l-appell.

Fit-trattazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti l-Avukat Generali gibed l-attenzjoni tal-Qorti illi l-appellant hu addebitat ukoll bi ksur tal-probation moghtija milll-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Frar 2013.

Ikkunsidrat:

L-appellant mhuwiex qieghed jikkontesta dan il-fatt u din il-Qorti hija konxja tar-responsabiltà taghha meta tigi infaccata ma' persuna illi tkun digà kisret ordni ta' probation. Però l-Qorti tal-Appell fil-kawza fuq imsemmija qalet ukoll, "issa, ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a dispozizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-adocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-bandu l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap 446 ...".

Ghalhekk il-Qorti b'sens ta' fiducja u ottimizmu se terga' taghmel dan u tpoggi lill-appellant taht perjodu ta' probation sabiex jigi segwit professjonalment u jassigura illi dan il-progress illi ghamel s'issa jibqa' ghaddej u l-appellant ma jergax jaqa' fil-vizzju illi gabu f'tant inkwiet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tilqa′ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok piena ta′ prigunerija ta′ sentejn, tpoggi lill-appellant taht probation ghall-istess perjodu ta′ sentejn u dana fl-isfond tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta′ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------